Kitba: Marie Briguglio, April 2024

Wellbeing INDEX

L-Università ta' Malta

The Malta Foundation for the Wellbeing of Society

# Inkattru l-Ġid uman f'Malta

## Kif ħa nkabbru l-ġid uman? U kif ħa nqassmuh?

Dawn il-mistoqsijiet kienu u jibqgħu l-iktar mistoqsijiet pertinenti għal gvernijiet madwar id-dinja. B'differenza importanti li ġrat dawn l-aħħar snin: It-tip ta' ġid li qed nitkellmu dwaru. Għal bosta pajjiżi u għal bosta snin, il-ġid materjali kien il-mira aħħarija. Ċioè xogħol il-ġvern hu li jkabbar il-kejk tal-flus u li jara kif jitqassam, biex ħadd ma jaqa' fil-faqar. Imma iktar ma jgħaddi żmien, iktar qed jiżdiedu l-gvernijiet f'pajjiżi diversi, li qed jitfgħu ħarsithom fuq ġid usa, kejk iktar imħawwar minn dak materjali: il-kejk tal-ġid uman.

## X'jiġifieri?

Għal dawn il-gvernijiet, il-kejk li jrid jinħema mhux magħmul minn ingredjent wieħed biss, ċioè l-flus, imma minn bosta ingredjenti, bħas-saħħa, l-ambjent, l-edukazzjoni, id-drittijiet ċivili, il-ħin liberu, il-ħajja soċjali, l-arti, insomma, dak kollu li jsawwar il-kwalità ta' ħajja, u li jġib il-kuntentizza. Kien għal dan l-għan ewlieni li tnieda proġett bejn l-Università ta' Malta u l-Malta Foundation for the Wellbeing of Society. Sabiex Malta tagħraf dak li għaddej madwar id-dinja biex jinħema jikber il-kejk tal-ġid uman.

## X'qed jagħmlu pajjiżi oħra?

Jidher ċar li għadd dejjem akbar ta' pajjiżi mill-Kanada sal-Bhutan qed ikejlu l-ġid uman permezz ta' statistika li tmur lil hinn mill-PDG u indikaturi ekonomici. Imma apparti minn dan, hemm bosta eżempji ta' politika intiża biex jitkattar il-ġid uman b'mod konkret? F'ċertu pajjiżi, per eżempju fl-Amerka, il-kuntentizza taċ-ċittadin huwa l-għan idikkjarat– saħansitra msemmi fil-kostituzzjoni. Ċertu gvernijiet bħall-Emirati Għarab Magħquda ħatru Ministeru għall-kuntentizza u għamlu liġijiet biex iħarsu il-kuntentizza. Fi żmien il-baġit, ċertu pajjiżi bħal New Zealand jevalwaw in-nefqa tal-flus tal-gvern skond l-impatt mhux biss fuq l-ekonomija imma anke fuq il-kuntentizza. Tingħata dejjem iktar importanza mhux biss lejn kif sejjer il-pajjiż bħala medja, imma anke kif inhu distribwit il-ġid uman. L-inugwaljanza ma teżistix biss fil-but imma anke fil-ħajja b'mod iktar ġenerali. F'numru dejjem jikber ta' pajjiżi fil-kontinenti kollha tad-dinja seħħet konsultazzjoni maċ-ċittadini biex il-gvern jagħraf x'inhu dak li qed iżid jew inaqqas mill-ġid uman għal-komunitajiet differenti li jgħixu fil-pajjiż. F'xi pajjiżi bħall-Ingilterra, qed jiżdiedu l-isforzi fuq l-edukazzjoni dwar il-kuntentizza kemm fost il-kbar u anke fl-iskejjel fost it-tfal.

## U f'Malta?

Bla dubju l-idea li l-progress imur lil hinn mill-flus hija waħda li qed issib art fertili f'Malta. Bosta entitajiet, fosthom il-Malta Foundation for the Wellbeing of Society, l-Università ta' Malta u anke L-Uffiċju tal-Istatistika ħadu dan l-inkarigu bis-serjetà. Aġenżiji oħra, il-partiti, il-Kunsilli Lokali, korpi kostitwiti u oħrajn qed issemu kliem bħal "wellbeing", "ġid uman", "benessere". Fi kliem ieħor, jidher li l-idea ta' ġid uman qed issib ruħha fil-politika f'Malta wkoll.

## Xi jmiss?

Biex inkattru l-ġid uman f'Malta, jeħtieġ li nkomplu niġbru l-istatistika u studji, jeħtieġ li deċiżjonijet strateġiċi dwar kif jintużaw ir-riżorsi Maltin jittieħdu wara li jsir analażi dwar l-impatt fuq il-ġid uman, speċjalment biex min diġa qiegħed ħażin ma jintlaqatx agħar, jeħtieġ li tiżdied il-konsultazzjoni u l-edukazzjoni dwar il-ġid uman fost it-tfal u jeħtieġ li dan l-għan ikun wieħed komuni bejn l-entitajiet li jmexxu f'Malta.